# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.10

**Kap 1: Id-Dinja Sabiħa!**

**Lezzjoni 1.10 – Il-fidi li ġabilna San Pawl!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu kif Alla ħa ħsiebna meta permezz ta' maltempata, bagħat lil San Pawl fostna.
2. Permezz tal-istorja mill-Vanġelu, jifhmu għalfejn il-miġja ta' San Pawl kienet tant importanti għall-Maltin.
3. Jitgħallmu li San Pawl ġab il-fidi f'Malta.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Powerpoint*: Il-miġja ta' San Pawl f' Malta
- *Karta ta' taħriġ 1.6:* Il-fidi li ġabilna San Pawl
- Il-Vanġelu



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal:
    - Kemm għandna staġuni f'sena?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**



- Aqra l-istorja tan-Nawfraġju ta' San Pawl mill-Atti tal-Appostli.
- Uri l-istampi mill-*Powerpoint* sabiex it-tfal jifhmu aktar kif tkun qed taqra l-istorja.
- Mur fl-aħħar *slide* u flimkien mat-tfal, aqra l-punti ewlenin tal-istorja.
- Staqsi lit-tfal:
    - Fejn kien sejjer San Pawl... u għaliex?
    - Xi ġralhom mat-triq?
    - Kemm damu f' dan il-maltemp kollu?

- Min deher lil San Pawl...u x' qallu?
- Meta kejlu l-fond, x'sabu? X'għamlu wara? Għalhekk qatgħu l-ankri u ħallew il-ġifen għal riħu.
- X' ġara mbagħad? X'kien jisimha dik l-art?
- In-nies tal-gżira, kif laqgħuhom lil San Pawl u 'l sħabu?
- X' għamlu biex jgħinuhom? U x' ġara mbagħad?
- San Pawl, kemm dam f' Malta?
- X' għamel sakemm dam hawn? Għallem lill-Maltin dwar Alla, għammed lin-nies u sara Nsara, fejjaq 'il-missier Publiju. Publiju kien gvernatur...imbagħad x' sar? Kif nafuh bħala qaddis?

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.6 u wara li tispjega ftit dwar il-gifen li hemm fl-istampa għin lit-tfal biex flimkien isibu l-kliem li jibda b'ittra kbira u ħamra u li għandhom x'jaqsmu mal-istorja.
- Stieden lit-tfal jgħidulek kif kull kelma għandha x'taqsam mal-istorja.
- Aqra Attività 2 u flimkien għinhom isibu l-kelma li toqgħod f'kull sentenza.
- Iddiskuti l-Attività Sam u Tara u ħalli lilhom jgħidu kif wera mġiba tajba San Pawl, ħalli jaslu għar-risposta t-tajba.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. San Pawl ġab il-fidi Nisranija f' Malta.
2. Sakemm dam f'Malta, San Pawl għamel bosta mirakli u laħħaq lil Publiju bħala l-ewwel Isqof ta' Malta.
3. Il-festa liturġika ta' San Pawl tiġi ċċelebrata fl-10 ta' Frar.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

San Pawl huwa importanti ħafna għalina għax għenna nsiru nafu dwar Alla u kattar l-imħabba għal Ġesu'. L-istudenti jagħrfu kemm konna nies ixxurtjati u maħbubin minn Alla li għażel lilna biex ikollna din il-ġrajja.

L-istudenti jifhmu kemm għandna nkunu kburin li gżira żgħira bħal Malta hija msemmija fil-Vanġelu!



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**

Mulej, grazzi talli tant ħabbejtna li bgħattilna lil San Pawl sabiex insiru Nsara! Mulej, kattar fina l-fidi.

